MINISTERU GĦALL-AGROKOLUTRA, IS-SAJD, U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Tqassim ta' kwota tat-Tonn għas-sena 2023 skont Artiklu 17 tar-Regolament (UE) 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd

Fil-qasam internazzjonali, is-sajd tat-Tonn huwa kkontrollat mill-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT). Mill-2004 'l hawn, Malta hija rrappreżentata f'din l-organizzazzjoni mill-Kummissjoni Ewropeja. Kull Stat Membru jiġi allokat l-Opportunitajiet tas-Sajd (Kwota) tat-Tonn u li mbagħad għandu jqassam din il-kwota lis-sajjieda reġistrati. Għal din is-sena il-Kwota li ġiet allokata għal Malta hija ta' 433,430 kg, li tfisser żieda ta' 44,170 kg fuq il-kwota li ġiet allokata għal Malta fl-2022.

L-Artiklu 17 tar-Regolament (UE) 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, jgħid li meta Stat Membru jiġi sabiex jalloka l-Opportunitajiet tas-Sajd, dan għandu juża kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika.

1. Definizzjonijiet

i. Bastimenti imsejħa 'Settorjali' huma dawk li ġew magħżula skont id-definizzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 18/02 li tgħid hekk:

Bastiment settorjali huwa dak li għandu tal-inqas tlieta minn dawn il-ħames karatteristiċi:

a) ikollu tul ta' inqas minn 12- il metru;
b) il-bastiment jistad biss fl-ibħra territorjali tal-pajjiż;

ċ) kull sajda ma ddumx aktar minn 24 siegħa;
d) l-ekwipaġġ ma' jkunx ta' iktar minn 4 minn nies, jew
e) il-bastiment jistad b'irkaptu selettiv u li ghandu l-inqass impatt ambjentali;

ii. ICCAT: Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku;

iii. Sajjieda Żgħażagħ: sajjieda li jagħlqu 41 sena sal-aħħar tas-sena 2023 u dawk li għalqu 42 sena imma li kellhom kwota fis-sena 2022.

iv. Bastimenti MFA huma dawk il-bastimenti fil-kategorija professjonali tas-sajd u li jaħdmu full-time.

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, AND ANIMAL RIGHTS

Allocation of Tuna quota for the year 2023 according to Article 17 of Regulation (EU) 1380/2013 on the Common Fisheries Policy

Bluefin tuna (BFT) is managed at the international level by ICCAT (International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas). Malta participates in this organisation through the European Commission since 2004. Each Member State is allocated the Fishing Opportunities (Quota) of BFT, which it must then distribute to the registered fishermen. For this year the Quota that was allocated to Malta is 433,430 kg, which indicates an increase of 44,170 kg on the quota that was allocated to Malta in 2022.

Article 17 of the Common fisheries Policy established by means of EU Regulation (EU) 1380/2013 states that when a Member State allocates available fishing opportunities, it needs to take into consideration transparent and objective criteria, including those of an environmental, social and economic nature..

1. Definitions

i. Vessels called 'Sectoral' are those that have been selected according to the definition of the ICCAT Recommendation 18/02 which states as follows:

A sectoral vessel is one that has at least three of these five characteristics:

a) has a length of less than 12 meters;
b) the vessel only fishes in the territorial waters of the country;
c) each fishing operation does not last more than 24 hours;
d) the crew does not consist of more than 4 people, or
e) the vessel fishes with selective gear which leaves the least environmental impact;

ii. ICCAT: International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas;

iii. Young Fishermen: those fishermen who turn 41 by the end of the year 2023 and those who turned 42 but had a quota in the year 2022.

iv. MFA vessels are those vessels in the professional fishing category that work full time.

v. Bastimenti MFB huma dawk il-bastimenti fil-kategorija professjonali tas-sajd u li jaħdmu part-time.

vi. VMS/GPRS hija sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti.

2. Allokazzjoni ta' kwota skont il-kategoriji

Biex jimplementa l-Artiklu 17 tar-Regolament (UE) 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura, ser ikun qed iqassam il-kwota ta' Malta għas-sena 2023 fi tmien (8) kategoriji. It-tqassim skont il-kategorija ser ikun hekk kif jidher fit-tabella numru 1.

Tabella Numru 1: Allokazzjoni tal-kwoti għas-Sajd tat-Tonn għas-sena 2023

Kategorija	Settur	Kwota 2023 (kg)
A	Bastimenti li jistadu bil-Konz, imsejħa 'Storiċi'	**301,592**
B	Settorjali	**65,760**
Ċ	Sajjieda Żgħażagħ	**31,350**
D	Kwota addizzjonali li 'ngħatat lil bastimenti 'Storiċi' li jgħażlu li jistadu għat-Tonn	**11,000**
E	Kontinġenza	**7,228**
F	Rikreazzjonali	**3,500**
G	Bastimenti MFA kollha li mhumiex eliġibbli fil-kategoriji A, B u Ċ (kundizzjoni vi.1 applikabli)	**8,000**
H	Qabda Inċidentali (*by-catch*) MFB	**5,000**
	Total ta' kwota mqassma	**433,430**
	Kwota ta' Malta għal 2023	**433,430**

3. Tqassim tal-kwoti skont il-kategoriji

Il-kwoti individwali għall-kull kategorija ser ikunu kif jidher fit-tabella numru 2:

Tabella Numru 2: Allokazzjoni individwali tal-kwoti għas-Sajd tat-Tonn għas-sena 2023

v. MFB vessels are those vessels in the professional fishing category that work part-time.

vi. VMS/GPRS are two types of vessel monitoring systems.

2. Quota allocation according to categories

In order to implement such Article, the Department of Fisheries and Aquaculture has established a set of criteria to ensure the fishing opportunities of this species reach are available to as many professional full-time fishermen (MFA) as possible.will be distributing Malta's quota for the year 2023 in eight (8) categories. The breakdown by category will be as shown in table number 1.

Table Number 1: Allocation of quotas for Tuna Fishing for the year 2023

Category	Sector	Quota 2023 (kg)
A	Longliners known as 'Historical'	**301,592**
B	Sectoral	**65,760**
C	Young Fishermen	**31,350**
D	Additional quota allocated to 'Historical' vessels that choose to fish for Tuna	**11,000**
E	Contingency	**7,228**
F	Recreational	**3,500**
G	All MFA vessels that are not eligible in categories A, B and C (condition vi.1 is applicable)	**8,000**
H	Incidental Catch (by-catch) MFB	**5,000**
	Total quota distributed	**433,430**
	Malta's quota for 2023	**433,430**

3. Distribution of quotas according to categories

The individual quotas for each category will be as shown in table number 2:

Table Number 2: Individual quota allocation for Tuna Fishing for the year 2023

Kategorija	Settur	Allokazzjoni
A	Bastimenti li jistadu bil-Konz, imsejjħa 'Storiċi'	63 bastiment li kienu jistadu għat-Tonn qabel l-2019 se jingħataw 301,592 kg bejniethom
B	Settorjali	i. Bastimenti li kellhom kwota ta' 350 kg u biż-żieda għandhom 525 kg ta' kwota; ii. Bastimenti li kellhom kwota ta' 538 kg u biż-żieda għandhom 713 kg kwota; iii. Bastimenti li kellhom 1038 kg kwota u biż-żieda għandhom 1213 kg kwota; iv. Bastimenti li kellhom 1638 kg kwota u biż-zieda għandhom 1813 kg kwota.
Ċ	Sajjieda Żgħażagħ	i. Allokazzjoni ta' 525 kg għal kull sajjied żgħażugħ; ii. Sajjieda żgħażagħ li għandhom bastiment ta' aktar minn 12 il-metru u rreġistraw qabdiet ta' aktar minn 3,000 kg pixxispad fl-2022 ħa jkunu allokati kwota globali ta' 1,000 kg inkluż il-kwota addizzjonali.

Category	Sector	Allocation
A	Line Fishing Vessels called 'Historical'	63 vessels that were fishing for Tuna before 2019 will be given 301,592 kg divided between them
B	Sectoral	i. Vessels that had a quota of 350 kg with the increase, have a 525 kg quota ii. Vessels that had a quota of 538 kg with the increase, have a 713 kg quota; iii. Vessels that had 1038 kg quota with the increase, have a 1213 kg quota; iv. Vessels that had 1638 kg quota with the increase, have a 1813 kg quota.
Ċ	Young Fishermen	i. Allocation of 525 kg for each young fisherman. ii. Young fishermen who have a vessel of more than 12 meters and have registered catches of more than 3,000 kg of swordfish in 2022, will be allocated a global quota of 1,000 kg including the additional quota.

4. Kriterji ta' eliġibliltà għall-Kwota tat-Tonn għassena 2023

4.1 Applikanti Eliġibbli

Sajjieda li huma rreġistrati mad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura li għandhom bastiment MFA irreġistrat f'isimhom.

4.2 Kriterji ta' Selezzjoni

Sajjieda li jużaw irkaptu selettiv tas-sajd jew li jużaw irkapti tas-sajd b'impatt ambjentali mnaqqas, bħal b'konsum imnaqqas tal-enerġija jew ta' ħsara għall-abitat, per eżempju dawk li jistadu bil-konzijiet.

4. Eligibility criteria for the Tuna Quota for the year 2023

4.1 Eligible Applicants

Fishermen who are registered with the Department of Fisheries and Aquaculture who have an MFA vessel registered in their name.

4.2 Selection Criteria

Fishermen who use selective fishing gear or who use fishing gear with a reduced environmental impact, such as with reduced energy consumption or damage to the habitat, for example those who fish with lines.

Kull sajjied jista' jibbenefika taħt waħda mill-kategoriji biss.

5. Kundizzjonijiet tal-Iskema

5.1 Kategorija A

i. Din il-kategorija tinkludi 63 bastiment li kienu jistadu għat-Tonn qabel l-2019 li huma magħrufa bħala 'Storiċi';

ii. Is-sajd jista' jsir bejn il-15 ta' April u l-31 ta' Diċembru 2023. Dan l-istaġun jista' jingħalaq qabel jekk tinqabad il-kwota;

iii. Kull operatur għandu jinforma lid-Dipartiment bil-qbid kollu tat-Tonn u għandhom jinżammu *records* ta' qbid għal kull sajda;

iv. L-operatur għandu javża lid-Dipartiment jekk għandux l-intenzjoni li jistad għat-Tonn jew jgħaddi il-kwota lil *purseseiner*;

5.2 Kategorija B

i. Il-kwota trid tinħadem bil-konz mill-operatur li tingħatalu l-kwota;

ii. Ma jistax isir trasferiment tal-kwota jew tal-bastiment;

iii. Il-bastimenti huma kollha taħt 12-il metru;

iv. Bastimenti li jingħataw kwota din is-sena iridu jistadu għat-Tonn. Jekk ma jagħmlux dan, jitilfu d-dritt li jkunu eliġibbli għall-kwota fil-futur;

5.3 Kategorija Ċ

i. Sajjieda żagħżagħ li għandhom bastiment MFA;

ii. Ma jistax isir trasferiment tal-kwota jew tal-bastiment;

iii. Bastimenti li jingħataw kwota din is-sena jridu jistadu għat-Tonn. Jekk ma jagħmlux dan, jitilfu d-dritt li jkunu eleġibbli għall-kwota fil-futur.

6. Kundizzjonijiet ġenerali

Kull operatur li se jingħata kwota jrid josserva dawn ir-Regolamenti dwar is-Sajd:

1) (UE) 1380/2013, Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd;

2) (KE) 1224/2009, Regolament li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd;

Each fisherman can only benefit under one category only.

5. Scheme Conditions

5.1 Category A

i. This category includes 63 vessels that were fishing for Tuna before 2019 which are known as 'Historical';

ii. Fishing can be done between 15 April and 31 December 2023. The season can be closed earlier if the quota is reached;

iii. Each operator must inform the Department of all Tuna catches and catch records must be kept for each fishing operation;

iv. The operator must notify the Department if he intends to fish for Tuna or hand over the quota to a purseseiner.

5.2 Category B

i. The quota must be worked with the line by the operator to whom the quota is given;

ii. The quota or the vessel cannot be transferred;

iii. The vessels must all be under 12 meters;

iv. Vessels that are given a quota this year must fish for Tuna. If they do not do this, they lose the right to be eligible for the quota in the future;

5.3 Category C

i. Young fishermen who have an MFA vessel;

ii. The quota or the vessel cannot be transferred;

iii. Vessels that are given a quota this year must fish for Tuna. If they do not do this, they lose the right to be eligible for the quota in the future.

6. General conditions

Every operator who will be given a quota must observe these Fishing Regulations:

1) (EU) 1380/2013, Regulation on the Common Fisheries Policy;

2) (EC) 1224/2009, Regulation establishing a Community control system to ensure compliance with the rules of the Common Fisheries Policy;

3) (UE) 404/2011, Regolament li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009;

4) (KE) 1005/2008, Regolament li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat;

5) KAP 425, Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrat tas-Sajd;

6) L.N. 425.07, Regolamenti dwar il-Bastimenti tas-Sajd;

7) Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 19/04, li qed temenda ir-Rakkomandazzjoni 18/02 tal-ICCAT dwar il-Pjan ta' Ġestjoni Multi-annwali għall-irkupru tat-Tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, inkluż emendi mdaħħla permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT 20/07;

8) Kundizzjonijiet oħra marbuta mal-Liċenzja tas-Sajd u ma' l-Awtorizzazzjoni tas-Sajd tat-Tonn, maħruġa mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura:

i. Kategorija Waħda Biss: Għas-setturi kollha, s-sajjieda jistgħu jibbenifikaw/jaċċessaw kategorija waħda biss. Trasferiment tal-kwota lejn *purseseiner* jista' jsir biss minn dawk il-bastimenti reġistrati fil-kategorija magħrufa bħala Storiċi.

ii. Sajjieda Żgħażagħ waqt is-Sajda: Il-liċenzja se tkun qed tingħata lis-sajjieda żgħażagħ sabiex is-sajjieda żgħażagħ jitrawmu fis-settur. Dan ifisser li l-istess sajjied jeħtieg li jkun preżenti fuq il-bastiment. Dan jista' jkun akkumpanjat minn kaptan, pero` l-ebda dikjarazzjoni tal-ħut ma' tista' ssir mingħajr il-preżenza tas-Sajjied Żgħażugħ fuq id-dgħajsa. Trasferiment tal-bastiment jew tal-kwota mhux permessibbli. Min jinqabad jikser din ir-regola jista' jitlef l-opportunita' li jingħata licenzja s-sena d-dieħla.

iii. Settorjali u MFA Ġodda: Is-sajjieda li ser ikunu qed jibbenefikaw minn dawn il-kategoriji wkoll ma jistgħux jittrasferixxu l-kwota jew saħansitra l-bastiment. Min jinqabad jikser din ir-regola jista' jitlef l-opportunita' li jingħata liċenzja s-sena d-dieħla.

iv. *Transhipment* u Dikjarazzjonijiet Foloz: It-tonn għandu jinqabad permezz tal-konz skont il-lista tal-awtorizzazzjoni tal-bastiment. Il-ħut għandu jinqabad u jiġi ddikjarat mis-sid jew kaptan tal-bastiment f'kull kategorija. Huwa llegali li wieħed jitrasferixxi u/jew jixtri t-tonn mingħand bastiment/intrapriża oħra u ma jwettaqx is-sajda bil-bastiment tiegħu. Individwi li jinqabdu jbiegħu jew jitrasferixxu t-tonn bl-iskop li jiġu ddikjarati fuq dgħajsa oħra jkunu ħatja ta' *transhipment* u dikjarazzjoni falza, u jistgħu jitilfu l-liċenzja għas-sena d-dieħla. Din tapplika għaż-żewg partijiet; kemm min qed ibiegħ u kif ukoll dak li qed jixtri.

3) (EU) 404/2011, Regulation establishing detailed rules for the implementation of Council Regulation (EC) No 1224/2009;

4) (EC) 1005/2008, Regulation establishing a Community system to prevent, deter and eliminate illegal, unreported and unregulated fishing;

5) CAP 425, Act on the Conservation and Administration of Fisheries;

6) L.N. 425.07, Fishing Vessel Regulations;

7) ICCAT Recommendation 19/04, amending ICCAT Recommendation 18/02 on the Multi-annual Management Plan for the recovery of Eastern Atlantic and Mediterranean Tuna, including amendments inserted through ICCAT Recommendation 20/07;

8) Other conditions linked to the Fishing License and Tuna Fishing Authorization, issued by the Department of Fisheries and Aquaculture:

i. Only One Category: For all sectors, fishermen can benefit/access only one category. Transfer of the quota to purse seiner can only be done by those vessels registered in the category known as Historic.

ii. Young Fishermen during fishing: The license will be given to young fishermen so that young fishermen can be nurtured in the sector. This means that the same fisherman needs to be present on the vessel. They can be accompanied by a captain, but no declaration of the fish can be made without the presence of the Young Fisherman on the boat. Transfer of vessel or quota is not permitted. Whoever is caught breaking this rule may lose the opportunity to be granted a license next year.

iii. Sectoral and New MFA: The fishermen who will be benefiting from these categories also cannot transfer the quota or even the vessel. Whoever is caught breaking this rule may lose the opportunity to be granted a license next year.

iv. Transshipment and False Declarations: The tuna must be caught using the longline according to the vessel's authorization list. The fish must be caught and declared by the owner or captain of the vessel in each category. It is legal to transfer and/or buy tuna from another vessel/enterprise and not carry out fishing with one's own vessel. Individuals who are caught selling or transferring tuna with the purpose of declaring it on another boat will be guilty of transshipment and false declaration, and may lose their license for the next year. This applies to both parties; the one selling and the one buying.

v. Kull bastiment li jaqbad it-tonn f'kull kategorija għandu jkun mgħammar bil-VMS/GPRS. Dan għandu jittrasmetti tul l-operazzjoni tas-sajd (il-kalata) kollha.

vi. Kull bastiment illiċenzjat għandu jkollu konz ta' mhux inqas minn 150 sunnara abbord u għandu jirrispetta l-kondizzjonijiet u r-restrizzjonijiet relatati mal-immarkar u l-identifikazzjoni tal-bastimenti tas-sajd u l-irkaptu tagħhom.

vii. Kull operazzjoni tas-sajd bil-konzijiet m'għandhiex tkun anqas minn 6 sigħat.

viii. Kummerċjalizzazzjoni: L-ebda tonn ma jista' jiġi kummerċjalizzat jekk ma jkunx akkumpanjat mill-formola ta' l-ispezzjoni tal-ħatt iffirmata minn uffiċjal tal-ħatt tal-ħut u reġistrat permezz ta' eBCD (dokument elettroniku tal-qabda tat-tonn). It-tonn maqbud irid jiġi mmarkat kollu abbord b'*tags* li jiġu pprovduti mid-Dipartiment. Noti tal-bejgħ, flimkien ma' *invoice* jew riċevuta fiskali, għandhom jiġu sottomessi lid-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura fiż-żmien 24 siegħa jew 48 siegħa skont il-każ.

ix. Għandu jimtela logbook għal kull sajda u dan għandu jinżamm fuq il-bastiment.

x. Għal kategoriji Ġ u G, MFA (bastimenti MFA kollha li mhumiex eliġibbli fil-kategoriji A, B u Ċ) u MFB by-catch, il-kundizzjonijiet ġenerali msemmija f'sezzjoni vi huma applikabli wkoll (minbarra kundizzjonijiet vi.2 u vi.3). Dawn huma eliġibbli għal qabda massima ta' 350 kg kull bastiment sakemm tintlaħaq il-kwota tal-kategorija rispettiva.

xi. Ma jistgħux jitrasferixxu l-kwota imma l-bastiment mingħajr kwota tat-tonn xorta jista' jigi trasferit.

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura se jieħu l-passi kollha neċessarji ta' nfurzar biex dawn il-kudizzjonijiet jiġu mħarsa u joħrog Multi Amministrattivi kif ikun meħtieg. Għal kull kategorija ħa tintbagħat applikazzjoni separata (kategoriji A, B u Ċ għalihom, u kategorija Ġ għaliha) lis-sajjied konċernat, biex timtela' u tikkonferma l-kwota/eliġġibilta' tas-sajda f'dik il-kategorija.

Il-11 ta' April, 2023

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali

Talbiet għall-Pagamenti għall-Bdiewa u r-Raħħala fuq Skemi Diretti u dawk marbuta mal-Art

L-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), fi ħdan il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA), se tilqa' talbiet għall-pagamenti għas-sena

v. Every vessel that catches tuna in every category must be equipped with VMS/GPRS. This must be transmitted throughout the fishing operation (the kalata).

vi. Each licensed vessel must have a line of no less than 150 hooks on board and must respect the conditions and restrictions related to the marking and identification of fishing vessels and their gear.

vii. Each longline fishing operation must not be less than 6 hours.

viii. Marketing: No tuna can be marketed if it is not accompanied by the landing inspection form signed by a fish landing officer and registered through eBCD (electronic catch document -tuna). The tuna caught must be marked all on board with tags provided by the Department. Sales notes, together with an invoice or fiscal receipt, must be submitted to the Department of Fisheries and Aquaculture within 24 hours or 48 hours as the case may be.

ix. A logbook must be completed for each fishing operation and must be kept on the vessel.

x. For categories G and H, MFA (all MFA vessels that are not eligible in categories A, B and C) and MFB by-catch, the general conditions mentioned in section vi are also applicable (except conditions vi.2 and vi.3). They are eligible for a maximum catch of 350 kg per vessel until the quota of the respective category is reached.

xi. They cannot transfer the quota but the vessel without a tuna quota can still be transferred.

The Department of Fisheries and Aquaculture will take all the necessary enforcement steps to ensure that these conditions are respected and will issue Administrative Fines if necessary. For each category, a separate application (categories A, B and C separately, and category C on its own) must be sent to the fisherman concerned, to be filled in and confirm the fishing quota/eligibility in that category.

11th April, 2023

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, AND ANIMAL RIGHTS

Agriculture and Rural Payments Agency

Payment Claims related to Direct and Area Aid Schemes for Farmers and Livestock Breeders

The Agriculture and Rural Payments Agency (ARPA), within the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights (MAFA), will be receiving payment claims for the